# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


31 t'Awwissu, 2011
.

**Minuti tal-laqgha numru 58(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 58(05) fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 3 ta' Awwissu,2011 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier, s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera prezenti talli laqghu t-talba tas-Sindku biex il-laqgha issir illum 3 t'Awwissu, minflok it-Tnejn 1 t'Awwissu, 2011, peress li hu kien ma jiflahx.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.2(57/05) The Malta Artisan Market

Is-Sindku, qal li wara d-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha precidenti dwar it-talba tas-Sinjura Lisa Grech, sabiex jinghata permess biex f'Couvre Porte f'dati stipulati jibda jigi organizzat "The Malta Artisan Market", liema talba l-istess Kunsill ma approvax, is-Sur John Boxall, ,



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Sindku stqar li l-Kunsill bghat ir-risposta lis-Sinjura Grech, fejn min-naha taghha, s-Sinjura Lisa Grech ma bghatet l-ebda kummenti.

1.2 Item 2.2(57/05) Triq San Lawrenz

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li saret laqgha mal-perit Ray Farrugia, Direttur Generali, fil-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn gie diskuss li dan il-Ministeru ser jaghmel Triq San Lawrenz, min-nicca tal-Madonna tal-Karmnu ‘ il gewwa bil-*hot asphalt.* Is-Sindku zied jghid li fiz-zmien qarib ser issir bil-*hot asphalt.*

1.3 Item 2.3 (57/05)Permess ghal Loghob tan-Nar ta’ l-Art ghal Festa ta’ San Lawrenz

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera, li nhar il-Hamis 4 t’Awwissu, 2011, ser issir laqgha mas-Supretendent Carmel Bartolo sabiex jigi diskuss l-permess ghal Loghob tan-Nar ta’ l-art mitlub mil-Ghaqda Piroteknika 10 t’Awwissu. Is-Sur John Boxall, zied jghid li saret laqgha mar-rapprezentanti ta’ din l-ghaqda, fejn ghal darb’ohra s-Sindku sosta li l-Kunsill ma jistax jaghti permess biex din it-triq tinghalaq.

1.4 Item 2.7 (57/05) Progetti taht is-sejha ENPI CBC MED

Is-Sindku, qal li wara parir li nghata mil-MEUSAC sabiex il-Kunsill ma japplikax ghaz-zewg progetti “MEDAdventure” kif ukoll “ Sea, Clean and Safe taht is-sejha ENPI CBC MED.

1.5 Item 2.18 (57/05) Gbid tal-Film “Sinbad” fil-Belt tal-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-kumpanija responsabli mil-gbid tal-film “Sinbad” tat donazzjoni ta’ € 3000 lil Kunsill Lokali tal-Birgu.

1.6 Item 4(57/05) Il-Progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sindku qal li l-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli gie approvat mil-MEPA u l-Kunsill ircieva l-permessi kollha mehtiega. Is-Sindku zied jghid li ser issir laqgha mal-Perit responsabli l-Perit Marvin Ellul, flimkien mal-kuntrattur Brian Lia, biex jinbeda x-xoghlijiet mil-aktar fis possibli.

1.7 Item 5(57/05) Ix-xoghlijiet fil-Berga ta’ Franza

Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta’ Franza, u nforma lil Kunsiliera li l-MEPA approvat ix-xoghlijiet li jridu jsiru b’urgenza.

1.8 Item 7(57/05) Jum il-Birgu, 2011



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku, s-sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2011, liema attivitajiet jibdew fl-4 ta' Settembru u jilhqu l-qofol taghhom nhar l-Erbgha 7 ta' Settembru, 2011.

## 2. Korrispondenza

2.1 Talba mil-Kumitat Festi Esterni San Duminku, sabiex jinghata permess biex nhar it-28 t'Awwissu, 2011, jinharaq nar ta' l-ajru, min Fuq il-Fortini, kif ukoll min Triq San Dwardu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li jekk jingiebu l-permessi kollha mehtiega l-Kunsill ghadu japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li ghal Jum il-Birgu 2011, ser jitella' dramm, miktuba mis-Sur George Peresso fejn fiha ser jippartecipaw ir-residenti tal-Birgu. Ghaldaqstant, is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mis-Sur Darren Agius, resident l-Birgu fejn nformaw lil Kunsill biex sabiex dan il-progett issir irid ikun hemm kontribut finanzjarju ta' €4,500, li jinkludi l-palk, xenarju, props, kostumi u makeup kif ukoll dwal u sound. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u ghal attivitajiet ta' Jum il-Birgu, 2011, jitella' dramm fuq l-istorja tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Ittra minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn nfurmaw lil Kunsilli Lokali li r-responsabilta tad-dawl tat-toroq ser tghaddi f'idejn il-Kumitati Regjonali.

2.4 Is-Sur John Boxall Sindku nforma lil Kunsilliera li s-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara, hargu stqarrijia lill-istampa dwar is-sitwazzjoni hazina fil-Kottonera fis-servizz tat-trasport pubbliku offrut mil-Arriva, fejn l-erba' Sindki qeghdin jesigu biex Transport Malta u Arriva Malta Ltd. Jirrimedjaw ghal din is-sitwazzjoni minnufih.

2.5 Email mil-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu lil Kunsilli Lokali jinominaw persuna biex tippartecipa fil-konferenza tal-progett "hENCE", taht is-sejha *Europe for Citizens'* fi hdan l-Unjoni Ewropea, li ser issir bejn is-7 u l-10 ta' Settembru, 2011, fil-Belt ta' Lauco, l-Italja. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur Trevor Mizzi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku pprezenta Memo 63/2011, mahruga mid-Dipartiment ghal Kunsilli Lokali, dwar skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa taht din l-iskema u jissottometti l- progett tal-*lift* ghal Knisja ta' San Lawrenz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku pprezenta Memo 66/2011 mahruga mid-Dipartiment ghal Kunsili Lokali, dwar skema ta' finanzjament ghat-titjib fil-*playing fields* ezistenti . Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika ghal din l-iskema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Korrispondenza mil-Assocjazzjoni AVEC, fejn nfurmaw lil Kunsilli Lokali li l-belt ta' Dals-Ed gewwa l-Izvezja qed tfittex *partners* biex jippartecipaw fil-progett taht is-sejha "Europe for Citizens Program – Measure 1.2 Networks of Twinned Towns". Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill ghamel kuntatt ma' din il-Belt u nfurmah li l-istess Kunsill huwa interessat li jippartecipa.

2.9 Is-Sindku pprezenta korrispondenza mis-Sur Mark Causon, Direttur fi hdan l-Kumpanija Europe Direct, fejn nforma lil Kunsill, li bhalissa hemm is-sejha ghal progetti iffinanzjati mil-Unjoni Ewropea, that il-programm "Youth in Action" u talab lil Kunsill jekk mhux interessat li jippartecipa. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jaccetta u japplika taht din l-iskema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku,prezenta talba minghand is-sinjorina Bernice Buhagiar, sabiex bejn it-23 ta' Settembru, u t-12 t'Ottubru, itella' esebizzjoni ta' l-arti fil-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sindku pprezenta Memo 65/2011, mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet ghas-sena 2012. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika taht din l-iskema, ghal attivita tal-BirguFest 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta proposta mibghuta mis-Sur Dorian Cassar, Direttur, ta' Kottoner Media, fejn bi €150 kull tlett xhur jigi ppublikat magazine tal-komunita bejn il-Kunsill Lokali ta' Bormla. Isla, Birgu u Kalkara, liema magazine, jitqassam lir-residenti kollha. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Is-Sindku nforma lil Kunsillilera pprezenta kwotazzjoni minghand il-Kumpanija J.F. Mallia ghal zewg fanali ghal pjazzetta San Filippu, sabiex issiru flok dawk li hemm ezistenti peress li nkissru. Is-Sindku zied jghid li il-prezz kwotat huwa ta' €1064.50. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-*Basketball Pitch* fl-iskola Primarja Santu Rokku jinsab lest, u ghaldaqstant issugerixxa sabiex dan jigi nnawgurat mil-Onor. Prim Minsitru Dr. Lawrence Gonzi, flimkien ma' l-Magistrat Dr. Antonio Mizzi fi 12 t'Awwissu, 2011. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti bi ftehim unanimu qablu li ghandha tinstab data alternattiva peress li f'dik il-gurnata mhux kulhadd jista' jkun prezenti u ssugerew li l-inawgurazzjoni ghandha ssir fil-bidu tas-sena skolastika.

## 3 Impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li bl-ghajnuna tas-Sur Melvin Attard, saru l-*interviews* ghal impjieg ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera Judith Saliba, ssugerit sabiex il-Kunsill jerga' jaghmel l-intervisti lil kandidati li gew *short listed* u ghalihom ikunu prezenti l-kunsilliera. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-kunsilliera prezenti qablu li dawn l-intervisti ghandhom isiru nhar l-Erbgha 24 t'Awwissu, 2011 fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

## 4 Premju Anzjan tas-sena 2011

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta korrispondenza mis-Segretarjat ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita, sabiex il-Kunsill jinnomina persuna ghal Premju Anzjan ghas-sena 2011. Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-Kunsill innomina lis-Sur Joseph Micallef.

## 5 Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' Accountant

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sejha ghat-tender ghas-servizz ta' Accountant ghalqet fil- 24 ta' Gunju, 2011 u ghaliha gew sottomessi hames applikazzjoni, li kienu :
a. Il-Kumpania BT Consulting Ltd. ghal prezz ta' € 39 vat inkluz fis-siegha,
b. Is-sur Joseph Bezzina, ghal prezz ta' € 20,
d. Il-kumpanija KPMG, ghal prezz ta' € 35 fis-siegha,
e. Il-Kumpanija EMD Advisory Services ghal prezz ta' €20
f. Il-Kumpanija Darmanin, Cauchi & Co. Ghal prezz ta' €25 fis-siegha ghas-servizz ta' *day to day* accounting filwaqt li € 40 ghas-servizz tal-*financial statement*

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghzel l-irhass offerta, dik tas-sur Joseph Bezzina, li huwa ukoll l-accountant attwali tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6 Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' skart goff

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sejha ghat-tender ghal gbir ta' skart goff, ghalqet fil- 24 ta' Gunju, 2011 u ghaliha gew sottomessa zewgt applikazzjoniet, dik tal-Kumpanija Dimbros Ltd. ghal prezz ta' €3.05, kif ukoll dik tal-Kumpanija EuroClean Co. Ltd. . Is-Sindku zied jghid li din il-kunpanija tat tlett proposti differenti li jinkludu:

Option A. – Gbir ta' skart goff mit-Tnejn sal-Gimgha ghal prezz ta' € 39 kuljum
Option B. – Gbir ta' skart goff nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha ghal prezz ta' € 45 kuljum

Option C – Gbir ta' skart ghal kull *household* sa tlett affarijiet ghal prezz ta' €3.80 kull dar.

Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jitlob kjarifika lil Dimbros Ltd. u din id-decizjoni ittiehed fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**7 Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' Perit**

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li s-sejha ghat-tender ghas-servizz ta' Perti ghalqet fil-21 ta' Gunju, 2011 u ghaliha gew sottomessi zewg applikazzjonijiet dik tal-perit MarkJohn Sciluna fejn ikkwota :

- Management Fee – 5%
- Consultancy Service - € 50/hour
- Preparation of bills of quantities – 5%
- MEPA Application - € 600

Kif ukoll, dik tal- kumpanija MED Design Associates, fejn ikkwotaw:

- Management Fee – 1.7%
- Consultancy Service - €15 – Senior Architect
  - €12.50 – Architect
  - €10 – Chief Draft person
  - € 7.50 – Draft person
- Preparation of bills of quantities – 0.5%
- MEPA application – 1.8%

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova l-applikazjoni tal-kumpanija MED Design Assoicates, peress li din globalment, kienet l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**8 Decizjoni dwar it-tender tal-PPP**

Is-Sindku, s-sur John Boxall, ghal darb ohra qal li hadt ma applika ghal din l-applikazzjoni u ghaldaqstant issugerixxa sabiex terga' tinhareg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9 Decizjoni dwar il-kwotazzjoni ghas-servizz ta' fotografu ghal Birgufest 2011**

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li s-sejha ghal kwotazzjoni ghal provvediment t' servizz ta' fotografu ghall-okkazzjoni tal-Birgufest 2011, ghalqet fl-24 ta' Gunju, 2011, u ghal din l-applikazzjoni applikaw, is-Sur Jacob Sammut ghal prezz ta' € 500 u s-sur Melvin Degiorgio, ghal prezz ta' € 600.

Hawnhekk il-Kunsilliera Miriam Grech, ntalbet biex tohrog mil-kamra, sabiex ma jkollix konflit ta' interess fid-decizjoni.

Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaccetta l-applikazzjoni tas-sur Melvin Degiorgio li ghalkemm ma kienetx l-irhas offerta, wara li l-Kunsill ra x-xoghol taz-zewg fotografi, l-Kunsill jippreferi x-xoghol u l-professjonalita tas-sur Melvin Degiorgio.

## 10 Decizjoni dwar il-kwotazzjoni ghas-servizz ta' *videographer* ghal Birgufest 2011

Is-Sindku nforma lil kunsilliera li s-sejha ghal kwotazzjoni ghas-sesrvizz ta' *videographer* ghall-attivita tal-Birgufest 2011, ghalqet fl-24 ta' Gunju, 2011 u ghal din l-applikazzjoni applikaw is-sur Melvin Schembri ghal prezz ta' €1020, s-Sur Mario Parascandolo ghal prezz ta' € 990 , kif ukoll l-applikazzjoni tas-Sur Steven Dalli u Mikael Zarb ghal prezz ta' €590 ghal filming jew ghal prezz ta' €1003 li jinkludi filming u editing. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-applikazzjoni ta' Sur Steven Dalli u Mikael Zarb, li joffru esperjenza vasta u professjonali ghal dan is-servizz mitlub mil-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 11 Decizjoni dwar il-kwotazzjoni ghal bandiera tal-Birgu 12-il pied bi 18-il pied

Is-Sindku qal li s-sejha ghal kwotazzjoni ghal bandiera tal-Birgu 12-il pied bi 18-il pied ghalqet fl-24 ta' Gunju, 2011, izda hadt ma applika ghal din is-sejha. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob ghal tlett kwotazzjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-8:30 ta' filghaxija.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku